30 ta' Jannar, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Dolores Galea *versus* Angelo Galea

**Eredità — Likwidazzjoni — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Sponsali — Donazzjoni — Rigali — Ċurkett tar-Rabta — Ċurkett tat-Tieġ — Spejjeż Funerarji — Art. 1366 (1) u 1905 tal-Kodiċi Civili.**

***Dak** kollu li r-raġel u l-mara, jew il-wieħed jew l-oħra, ikunu jippossjedu meta jinħall iż-żwieġ, huwa preżunt li jidħol fil-komunjoni ta'*

*l-akkwisti sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Imma jekk it-titolu ta' l-akkwist ikun eżista minn qabel iż-żwieġ, il-ħaġa hekk akkwistata ma tidħolx fil-komunjoni, avvolja l-pussess tagħha jiġi akkwistat fil-kors taż-żwieġ.*

*Ir-rigali li l-għarajjes jagħtu lil xulxin waqt l-għerusija huma kunsidrati bħala mogħtija in kontemplazzjoni taż-żwieġ futur, u jitqiesu bħala li ġew mogħtija biex min irċevihom ikollu biss l-użu tagħhom waqt iż-żwieġ. Għaldaqstant dawk ir-rigali għandhom jirritornaw għand min ikun tahom meta jispiċċa iż-żwieġ, jew għand il-werrieta tiegħu; salva l-prova li d-donazzjoni tagħhom tkun saret bil-fehma li kellhom jgħaddu definitivament fil-proprjetà tad-donatarju.*

*Dwar iċ-ċurkett tat-tieġ u ċ-ċurkett tar-rabta l-liġi ma tgħid xejn; però l-kwistjoni hija riżoluta mill-ġurisprudenza fis-sens illi, wara x-xoljiment taż-żwieġ, iċ-ċurkett tat-tieġ jibqa' tal-mara jew tal-werrieta tagħha; u anki ċ-ċurkett tar-rabta jirritorna għandha jew għand niesha.*

*L-ispejjeż funerarji huma a kariku ta' l-assi tal-persuna li mietet u li għaliha saru dawk l-ispejjeż.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn dina l-istess Qorti f'dina l-istess kawża fid-29 ta' Jannar 1947, minn fejn jidhru d-domandi attriċi u l-eċċezzjonijiet konvenuti, u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-attriċi ma kellhiex dritt tagħmel il-kawża billi l-aħħar waħda li mietet fid-disgrazzja hemm imsemmija kienet Mary Galea, bint il-konvenut, b'mod li l-istess konvenut wiritha b'dak kollu li kienet wirtet minn għand ommha u minn oħtha, li wkoll mietu fl-istess disgrazzja, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut; u ordnat li l-kawża titkompla fil-meritu;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta illi fil-5 ta' April 1946 ġew maħruġa mejta mid-dar tagħhom ir-Rabat, li ġiet imġarrfa b'ajruplan tagħna li waqa' f'dawk l-inħawi, Maria Assunta mart il-konvenut Angelo Galea, ta' 27 sena, u ż-żewġ uliedha, waħda ta' tliet snin u tliet xhur, u Maddalena ta' tliet xhur, mentri l-konvenut ġie bħala midrub u ferut trasportat l-Isptar ta' Bugeja, minn fejn in segwitu ħareġ imfejjaq. L-attriċi tiġi z-zija materna tal-mejta Maria Assunta Galea, li

mietet bla testment, u li skond il-liġi hija preżunta, minħabba li kellha anqas minn 35 sena u magħha mietu wliedha ta' l-istess sess, li mietet l-aħħar. Milli jidher, l-imsemmija Maria Assunta Galea ma ħallietx dixxendenti, axxendenti, u lanqas aħwa bniet jew subien, u dixxendenti tagħhom, b'mod li skond l-art. 854 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, il-wirt imiss l-ewwel liz-zijiet (bħal ma hija l-attriċi), salvi s'intendi l-jeddijiet ta' żewġha skond ma jingħad fl-artikolu 866 tal-Kodiċi fuq imsemmi, li huma, jekk javvera ruħu dan li hemm kontemplat f'dan l-aħħar artikolu fuq imsemmi, żewġ terzi mill-beni tagħha sħaħ fl-assenza ta' tfal leġittimi, mhux leġittimi u lanqas magħrufa;

Tikkunsidra;

Illi, premess dana li ntqal fuq, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel il-likwidazzjoni ta' l-assijiet mitluba, sabiex imbagħad tordna l-qasma fuq il-liġi fuq ċitata, salvo li jiġu qabel riżoluti ċerti kwistjonijiet ta' indoli preliminari li qamu waqt li kienet mexja l-kawża;

Tikkunsidra;

Illi jirriżulta mill-provi li fil-ġurnata tal-mewt tad-decujus, il-miżżewġin Galea kellhom depożitu fil-Government Savings Bank, b'librett numru 21283, ta' £186. 16. 9. Kif qal tajjeb il-perit legali, u del resto kif tippreżumi l-liġi (ara art. 1366 (1) Kodiċi Ċivili), dak kollu li r-raġel u l-mara, jew ilwieħed jew l-oħra, jippossjedu, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, hu preżunt li jidħol fl-akkwisti. Dina l-preżunzjoni però hija newtralizzata bit-tieni subsezzjoni ta' l-istess artikolu 1366, għall-każi hemm kontemplati; u dana huwa konformi għad-dottrina "in subjecta materia" (ara Voet "Ad Pandectas", Volume III, Venezia 1850, Liber XXIII, Titolus IV, para. XXXIX; u Pothier, Trattato degli Statuti, Introduzione al Titolo X, parag. 13, Tomo IV, Vignozzi, Livorno 1843, pagina 485). Minn dana jitnissel loġikament u naturalment li kwalunkwe ħaġa li wieħed mill-konjuġi jiġi jakkwista u jipposjedi qabel iż-żwieġ hija tiegħu, jekk huwa veru li skond il-liġi s-sempliċi titolu qabel iż-żwieġ ħil-pus-

iess akkwistat wara l-istess żwieġ jinqata li l-ħaġa hekk pervenuta ma tidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti;

Dana ngħaliex il-konvenut qiegħed isostni li minn dik is-somma depożitata huwa kellu qabel iż-żwieġ l-ammont ta' £80, li meta mbagħad iżżewweġ qiegħed, flimkien ma' flus oħra li l-konjuġi tiegħu ġabru fil-kors taż-żwieġ tagħhom. Dina l-Qorti tħoss li dak li ħalef il-konvenut huwa minnu, ngħaliex..............;

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi taħt il-kustodja tal-Pulizija instabu wkoll żewġ biċċiet ta' 5s. l-waħda u 2s. 6d., b'kollox 12s. 6d., li l-konvenut jgħid li kienu rigali tat-tieġ tagħhom. Issa, fl-art. 1898 tal-Kodiċi Ċivili, tikkontempla r-rigali taż-żwieġ magħmula mill-qraba u ħbieb; u fl-art. 1904 tikkontempla r-rigali mill-għarajjes. Dawna ż-żewġ dispożizzjonijiet jinsabu rispettivament mil-Kodiċi De Rohan, Libro III §15, Kap. VII, u §14. Dak li huwa ta' interess huwa l-ewwel artikolu fuq ċitat, l-għaliex dwar dawna r-rigali l-konvenut, mhux merut, qiegħed isostni li huma rigali tat-tieġ, bla ma speċifika minn kienu qraba jew ħbieb tagħhom ġew mogħtija; b'mod li l-istess, fl-assenza ta' dina l-prova u provi oħra ta' l-intenzjoni, billi ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji mniżżla fl-art. 1898 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess għandhom jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; l-għaliex fil-fatt huma akkwist; u għalhekk tidħol in applikazzjoni r-regola ta' l-art. 1366 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi dwar id-deheb, li ġie stmat minn Giuseppe Bonello skond id-dokument "P" eżibit, jingħad li huwa għadu jeżisti fl-intierità tiegħu..............;

Illi kwindi dina l-Qorti sejra tgħaddi biex tiddiskuti fuq id-deheb li hemm kontestazzjoni fuqu, u ċjoè l-oġġetti indikati fid-dokument imsemmi taħt in-numri 2, 3, 4, 7 u 21;

Illi l-konvenut isostni li l-oġġetti taħt in-numri 2, 3 u 4 kienu ġew lilu mogħtija waqt l-għerusija minn omm il-mara tiegħu, mentri l-oġġett numru 7 kien rigal tiegħu lid-dečujus fil-perijodu fuq imsemmi.............. B'dana kollu l-Qorti,

jekk taqbel mal-perit legali in kwantu aċċetta bħala aktar attendibili d-depożizzjoni tal-konvenut minn dik ta' l-attriċi, peress li l-istess hija aktar konnaturali ma' dak li jsir normalment fil-ħajja ordinarja fl-epoka ta' l-għerusija, ma taqbelx però miegħu in kwantu għall-assenjazzjoni li għamel ta' dawk l-oġġetti fid-diversi assijiet u lill-persuni minnu desinjati u benefikati. Infatti huwa assenja l-oġġetti taħt in-numri 2, 3 u 4 lill-konvenut bħala li ġew lilu regalati waqt l-għerusija minn omm l-għarusa, u ċjoè ċurkett minnhom fl-okkażjoni ta' strina, ieħor bħala rabta, u l-labra ta' l-ingravata ma semmiex taħt liema ċirkustanza; u dwar l-oġġett taħt in-numru 7 assenjah fl-assi partikulari tad-decujus bħala li kien rigal ta' l-istess konvenut lil martu, allura sempliċi għarusa tiegħu; u dana għamlu fuq l-awtorità ta' żewġ sentenzi ta' dawna l-Qrati, u ċjoè dik ta'-Prim'Awla Ċivili tat-30 ta' Ottubru 1934, in re "Vincenzo Cassar vs. Antonio Cordina u oħra" (Vol. XXIX, P. II, pag. 68-71), u l-oħra ta' l-istess Qorti tat-2 ta' April 1910 in re "Giuseppe e Maria coniugi Portelli et. vs. Giuseppe e Carmela coniugi Grech u Anna Grech binthom" (Vol. XXI, P. II, paġ. 20-21). Fiż-żewġ każi ċitati l-azzjoni kienet dik tar-ritorn u restituzzjoni ta' doni u rigali in konsegwenza ta' resiliment ta' sponsali inġustifikat; fiż-żewġ każi saret id-distinzjoni bejn ir-rigali; anzi fl-ewwel sentenza ċitata saret id-distinzjoni bejn ir-rigali veri u proprji hekk imsejħa u rigali mogħtija in kontemplazzjoni taż-żwieġ;

Tabilħaqq jingħad li l-art. 1905 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, u qablu l-art. 1570 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, li huma l-adozzjoni tal-liġi "Cum veterum", C. "de donation. ante nuptias", ma jagħmlux dik id-differenza meta jsemmu r-rigali ta' qabel iż-żwieġ, b'mod li loġikament għandu jitnissel li t-tieni sezzjoni ta' dak l-artikolu hija applikabili fi kwalunkwe każ ta' passaġġ ta' rigali li jsiru waqt l-għerusija. U del resto, normalment ir-rigali li jsiru f'dik l-epoka, aktarx iva inkella le, kważi dejjem isiru minħabba fl-okkażjoni ta' l-isponsali "di futuro". Mhux eskluż li jista' anki f'dik l-epoka jsir rigal bejn l-għarajjes jew il-qraba tagħhom lilhom bħala donazzjoni pura u liberalità per sè, bla ma jkun hemm konnessjoni mal-fatt ta' l-isponsali; imma

m'n irid isostni d'na t-teżi ma hemmx bżonn jingħad kemm huwa diffiċili li l-istess tiġi pruvata, imħabba l-fatt tal-kuntrattazzjoni ta' l-isporsali li jkun jeżisti;

Jingħad ukoll li t-tieni sentenza ċitata u fuq imsemmija, barra milli mhix applikabili għall-kwistjoni odjerna, u, eżaminata fir-regola fl-apprezzament ta' l-oġġetti, ma taqbelx ma' l-ewwel waħda aktar reċenti, ma fissretx, kif għamlet l-aħħar waħda, li r-rigali li huma proprjament tali, u li tat eżemplifikazzjonijiet tagħhom, isiru proprjetà tal-għarusa, mentri r-rigali improprji, jew aħjar dawk mogħtija in konsiderazzjoni taż-żwieġ futur, jibqgħu b'titolu ta' depożitu sa ma jsir iż-żwieġ biex imbagħad jiffurmaw parti tal-mobbli tad-dar konjugali. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, jekk huwa minnu li hemm materjalment differenza bejn ir-rigali li l-għarajjes jagħtu lil xulxin waqt l-għerusija u dawk l-istess rigali li huma jagħtu lil xulxin fl-istess epoka in kontemplazzjoni taż-żwieġ, eppure l-okkażjoni ta' dawn il-passaġġi tkun dejjem l-istess ravviċinament għaż-żwieġ li għad irid ikun jiġi, skond il-voti tal-partijiet u l-familji tagħhom, ċelebrat;

Illi l-liġi tagħna ma tgħid xejn la fuq iċ-ċurkett tar-rabta jew għerusija, la fuq dak taż-żwieġ, u lanqas fuq id-donativi l-oħra li solitament jingħataw fil-waqt l-għerusija. Huwa minnu li dwar iċ-ċurkett taż-żwieġ tissupplixxi għas-silenzju tal-liġi l-ġurisprudenza, li dwaru ssegwi pedissekwament il-Kodiċi Muniċipali (Libro III, Kap. VII, para. XIII), billi qatgħet li dak iċ-ċurkett tal-kunsens għandu jibqa', wara x-xoljiment taż-żwieġ, ta' proprjetà tal-mara u l-eredi tagħha (ara Volum XVI, P. II, paġ. 158-159, in re "Cappara vs. Ciappara Delicata", Prim'Awla Ċivili, 13 ta' Diċembru 1897), kif ukoll l-istess ġurisprudenza tissupplixxi għaċ-ċurkett li l-għarusa tagħti lill-għarus u għad-donativi l-oħra li jkunu saru qabel iż-żwieġ fl-okkażjoni ta' sponsali "di futuro", skond l-użanzi ta' dana l-pajjiż u skond il-volontà preżunta tad-donanti li fuqha huma bażati ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi (ara artikoli ta'-Kodiċi preżenti u viġenti 1898 u 1904), salvo li ma jkunx pruvat li tkun saret donazzjoni purament għal finijiet ta' liberalità, tant mill-għarusa kemm minn niesha, kif ukoll mill-għarus jew minn niesu, skond il-każ, kif jista' jidher mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-10 ta' Jannar

**1840**, *in re* "Grazia Ebel vs. *Dr.* Michele Camenzuli"; fejn gie ritenut li dawk id-donativi, u anki ċ-ċurkett tar-rabta jew kunsens li l-mara tkun tat lir-raġel, mhumiex donazzjonijiet atti sabiex jittrasferixxu l-assolut dominju fl-għarus, jew, fil-każ invertit, ad eċċezzjoni taċ-ċurkett taż-żwieġ, dwar l-oġġetti l-oħra fl-għarusa, għar-raġunijiet hemm ampjament diskussi, bażati fuq is-sorġenti tal-kostumanza Maltija u fuq il-liġi ta' allura; u li fejn ma ġietx adottata mil-liġi viġenti ġiet supplita mill-ġurisprudenza li segwiet il-Liġi Municipali (ara Volum Sentenzi ta' Malta 1839-43, paġi 18 u 67, Deċiżjonijiet 18 u 51);

Illi minn dana jitnisseł illi fl-assenza ta' provi "in contrario", l-oġġetti taħt in-numri 2, 3 u 4, meta ġew regalati lill-konvenut, u dak taħt in-numru 7, meta ġie regalat lid-decujus, ġew lilhom rispettivament mogħtija għall-użu waqt iż-żwieġ, b'mod li kif jispiċċa, u fil-fatt spiċċa, iż-żwieġ, jirritornaw, jew għandhom jirritornaw, l-ewwel tlieta lill-assi partikulari tad-decujus, u l-aħħar wieħed fl-assi tal-konvenut, jew aħjar, peress li għadu ħaj, jerġa' jsir tiegħu;

Illi dwar iċ-ċurkett taħt in-numru 21, li huwa ċ-ċurkett tal-kunsens tad-decujus, għandu, kif intqal fuq, jidħol fl-assi partikulari tagħha;

Tikkonsidra;

Illi dwar l-ispejjeż funerarji jingħad li l-kont prodott huwa globali, u jikkomprendi l-funeral tat-tfal u ta' l-omm, li saru f'daqqa, bla distinzjoni bejn l-ispiża għad-decujus u dik taż-żewġ uliedha, waħda ta' tliet snin u tliet xhur u l-oħra ta' tliet xhur. Ma hemmx kwistjoni li dina l-ispiża għandha titħallas *in kwantu jirrigwarda* d-decujus mill-assi partikulari tagħha (ara Volum XXIX — II — 270, Prim'Awla Ċivili 17 ta' Jannar 1935, in re "Salvatore Gatt vs. Gregorio Bugelli u iehor"); *imma dik tat-tfal* tidħol a debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti; l-għaliex jekk skond il-preżunzjoni legali mietu qabel l-omm, huma ġew neqsin waqt li kienet għadha sseħħ il-komunjoni *ta'* l-akkwisti. Fin-nuqqas ta' determinazzjoni preċiża fil-konfronti tar-rispettivi persuni li għalihom serviet dik l-ispiża, il-Qorti taqbel mal-perit legali li "arbitrio boni viri" qasam nofs l-istess spiża bħala impo-

mbih a kariku ta' l-assi partikulari tad-decujus u n-nofs l-ieħor a kariku tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Tikkunsidra;

Illi stabbiliti u determinati l-punti in kwistjoni u dawk li fuqhom il-partijiet qablu, jingħad li:—

L-assi soċjali konjugali jikkonsisti..............;

Illi l-assi partikulari tad-decujus jikkonsisti..............;

Illi kwindi l-attiv nett ta' dana l-assi huwa ta' £175. 6. 10½..............;

*Omissis;*

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi.............., billi tillikwida l-assi soċjali u konjugali tal-miżżewġin Galea..............; tillikwida l-assi partikulari ta' l-istess decujus..............; u għal dana l-fini assenjat il-ħwejjeġ u l-flus kif intqal fuq, wara li l-konvenut ġew lilu mogħtija l-krediti li kellu u l-prelevamenti li ħaqqu..............; u għall-finijiet tal-publikazzjoni ta' l-att opportun tinnomina..............;

L-ispejjeż jitħallsu skond ir-rispettivi interessi tal-kontendenti.